# Skejjel primarji jiċċelebraw kisbiet fl-edukazzjoni ambjentali

## Fir-Riserva Naturali tas-Salina ssir iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet tal-programm Dinja Waħda għall-Primarja 2017

Total ta' 87 skola primarja mifruxin madwar Malta u Għawdex qed jiċċelebraw il-kisbiet eċċezzjonali li għamlu fil-ħidma biex iqarrbu lit-tfal lejn in-natura permezz tal-programm Dinja Waħda ta' BirdLife Malta fl-iskejjel.

Wara s-suċċess tal-Awards tas-Sekondarja li tqassmu f'Ottubru, il-kisbiet tal-iskejjel primarji tul is-sena skolastika 2016-2017 kienu rikonoxxuti waqt iċ-ċerimonja tat-tqassim tal-premjijiet tal-programm Dinja Waħda 2017 għall-Primarja li saret dalgħodu fiċ-Ċentru tal-Viżitaturi tar-Riserva Naturali tas-Salina.

Din is-sena, 53 skola rċivew il-Gold Award, disat iskejjel ingħataw is-Silver Award, erba' skejjel ġew ippremjati bil-Bronze Award u 21 skola ngħataw iċ-Ċertifikat. Seba' skejjel oħra ngħataw ukoll il-Blue Banner, wara li rebħu l-Gold Award għal tliet snin konsekuttivi.

L-*awards* tqassmu lill-iskejjel mill-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana u mill-PR & Marketing Executive tal-Bank of Valletta Charles Azzopardi li kienu akkumpanjati mill-Education Officer ta' BirdLife Malta Sarah Brady. Preżenti fis-Salina kien hemm rappreżentanti tal-iskejjel kollha li pparteċipaw fosthom studenti, għalliema u kapijiet ta' skejjel flimkien ma' uffiċjali edukattivi oħrajn.

Minbarra li ċċelebrat is-suċċess tal-involviment tal-iskejjel tul l-aħħar sena skolastika, iċ-ċerimonja tal-lum immarkat ukoll il-bidu ta' sena ġdida għal dan il-programm.

L-inizjattiva Dinja Waħda ta' BirdLife Malta tifforma parti mill-impenn tal-NGO li tħares in-natura u l-ħabitats permezz ta' attivitajiet barra mill-klassi għat-tfal tal-iskejjel kemm fil-grawnds tal-iskola stess kif ukoll bi żjarat fir-riservi naturali biex tgħinhom jirrelataw aktar man-natura. Dan il-programm jitmexxa b'kollaborazzjoni mad-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni u għandu l-appoġġ tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta. Il-programm ilu għaddej aktar minn 20 sena.

BirdLife Malta tixtieq twassal l-awgurju tagħha lill-iskejjel kollha li pparteċipaw għall-ħidma qawwija li wettqu tul is-sena, waqt li tixtieq trodd ħajr b'mod speċjali lill-koordinaturi tal-programm Dinja Waħda li jaraw li l-programm jitħaddem fl-iskejjel u jassistu lill-għalliema b'mod volontarju. Mingħajrhom, it-tfal ma jkunux jistgħu jiżviluppaw il-ħiliet, l-għerf u l-valuri biex iħarsu l-ambjent li jakkwistaw permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-programm Dinja Waħda.

BirdLife Malta hi kburija wkoll li llum tista' tħabbar li l-[Bank of Valletta](#) (BOV) iddikjara l-appoġġ tiegħu lill-programm Dinja Waħda. Fl-attività tal-lum, fil-fatt, minbarra li qassmu l-premjijiet lill-iskejjel, rappreżentanti tal-BOV ippreżentaw ukoll lil BirdLife Malta *sponsorship* għall-programm Dinja Waħda 2017-2018.

Charles Azzopardi, Executive PR & Marketing tal-BOV, esprima s-sodisfazzjon tal-bank li se jkun qed jerġa' jieħu r-rwol ta' sieħeb edukattiv fil-programm Dinja Waħda ta' BirdLife Malta, wara nuqqas ta' numru ta' snin. "Dinja Waħda hija għodda importanti li tagħti lill-għalliema u lit-tfal pjattaforma biex ipoġġu l-ambjent naturali fuq quddiem u jaħsbu f'metodi kif dan jista' jiġi mħares fid-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet li jittieħdu ta' kuljum." Azzopardi kompla li l-bank iqis lill-ambjent bħala sieħeb importanti tant li dan saħanistra jissemma fil-*mission statement* tal-bank. Qal ukoll li l-bank jikkunsidra l-impatt ambjentali f'kull proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, waqt li jinvolvi lin-nies tiegħu f'attivitajiet li jsiru bil-għan speċifiku li titrawwem fl-impjegati kuxjenza dwar l-importanza li jkunu ambaxxaturi tal-ambjent. Dan apparti li jħeġġu prattiċi favur l-ambjent kemm fuq il-post tax-xogħol kif ukoll fid-djar. "Issa li qed nerġgħu nagħtu l-ħajja lill-appoġġ tagħna għall-programm Dinja Waħda, inħarsu 'l quddiem biex nikkontribwixxu għat-tkabbir ta' dan il-programm," temm jgħid Azzopardi.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana spjega li l-atteġġjament uman hu l-aktar element li jeffettwa lin-natura, sew jekk b'mod negattiv kif ukoll jekk b'mod pożittiv. "Hemm tendenza li t-tfal jifhmu aħjar l-importanza li nieħdu ħsieb in-natura u jsibuha aktar faċli li jbiddlu l-mod kif iġibu ruħhom biex jirrelataw man-natura u mhux jeħduha *for granted*. Hu għalhekk li aħna ninvestu b'daqshekk qawwa fil-programm ta' edukazzjoni formali li nħaddmu b'mod mill-aktar professjonali. M'għandniex xi ngħidu, l-appoġġ tal-Ministeru, tal-għalliema u ta' *sponsors* bħall-BOV huwa vitali f'dan ir-rigward."

Tul iċ-ċerimonja ta' dalgħodu, BirdLife Malta nidiet ukoll il-ktieb il-ġdid tat-tfal li għadha kif ħarġet, *Għasafar Madwarna*. It-tieni edizzjoni ta' din il-gwida kkulurita għat-tfal dwar l-għasafar fil-Gżejjer Maltin, xogħol Victor Falzon, għandha l-iskop li tgħin lit-tfal jitgħallmu dwar u jidentifikaw aħjar l-elementi li jiffurmaw l-ambjent naturali Malti. Meta kien ippubblikat l-ewwel darba fl-2004 dan il-ktieb rebaħ l-unur nazzjonali għall-Best Illustrated Children's Book. BirdLife Malta hija grata ħafna lejn l-SOF (il-BirdLife tal-Iżvezja) talli ġentilment sponsorjat l-istampar ta' dan il-ktieb.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
Il-programm Dinja Waħda ta' BirdLife Malta għall-Primarja:
http://birdlifemalta.org/education/dinja-wahda/primary-education

L-Awards tas-Sekondarja li saru f'Ottubru li għadda:
http://birdlifemalta.org/2017/10/secondary-schools-awarded-connecting-young-people-nature

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/jgBCEOH1bX**

- Għażla ta' ritratti miċ-ċerimonja tal-premjazzjoni tal-programm Dinja Waħda għall-Primarja li saret dalgħodu (it-titli jinsabu fir-ritratti). *Ritratti ta' Pascale Kouassigan.*

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/cEmmui7Uf7**

- Filmati taċ-ċerimonja tal-premjazzjoni tal-programm Dinja Waħda Primary li saret dalgħodu. *Filmat u muntaġġ ta' Veerle van Werde.*